**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 198/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Wayne Said**
**(ID 314591(M))**

**Illum, 28 ta' Awwissu, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Said ta' 25 sena, iben Joseph u Michelina nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta` nhar it-18 ta' Gunju 1991, residenti fil-fond 93, Gold River, Triq Antonio Muscat Fenech, Qormi detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 314591(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Awwissu 2016, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1) Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz

Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv tieghu;

7) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitix ghall-uzu esklussiv tieghu;

8) Talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' *Probation*, moghtija mill-Qorti ta' Malta nhar it-2 ta' Ottubru 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

9) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta nhar it-8 ta' Lulju 2014, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta` tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli; u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5(1)(a)(b) u 5(1) u (2) tal-Att kontra l-*Money Laundering*, Kap. 373 u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2017, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

In kwantu l-piena li ghandha tigi nflitta f'dan il-kaz, semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri certament li ma kinitx wahda bikrija, tant illi din giet registrata minnu wara li l-Prosekuzzjoni kienet diga` ghalqet il-provi taghha u l-kawza kienet tinsab fl-istadju tal-provi tad-difiza. Biss mill-banda l-ohra, tqis ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kemm in kwantu dak li ddikjara fl-istqarrija mehuda lilu fil-31 ta' Awwissu 2016, kif ukoll in vista ta' dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2017, u dan fis-sens illi huwa ghandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] Fid-dawl ta' dak hekk dikjarat, il-Qorti qeghda tnaqqas il-piena b'zewg gradi in kwantu l-piena ta' prigunerija applikabbli ghar-reati odjerni u b'nofs in kwantu l-piena pekunjarja, ai termini tal-imsemmi artikolu.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, li ma kinitx wahda tant refrattarja. Biss mill-banda l-ohra, permezz tat-tmien imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* moghtija lilu permezz ta' sentenza tat-2 ta' Ottubru 2015, vera kopja ta' liema sentenza giet esebita mill-Prosekuzzjoni.[2] Jirrizulta mill-istess sentenza illi l-imputat f'dak il-kaz, inghata Ordni ta' *Probation* ghall-perjodu ta' tliet snin – u ghalhekk jirrizulta car illi r-reati odjerni gew kommessi minnu fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza – u dan wara li nstab hati ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, hin u valur u ta' hsara volontarja. Il-Qorti sejra ghalhekk titratta mal-imputat dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz tal-istess sentenza u qeghda tapplika ghal dan il-ghan id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imsemmija zewg reati, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla t-tentattiv ta' serq aggravat u tal-bqija tal-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza. Qieset ukoll li f'dak il-kaz, l-imputat kien irregistra ammissjoni bikrija.

Tqis ukoll in-natura u l-gravita` tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza. F'dan ir-rigward, il-Qorti tikkunsidra illi apparti illi

[1] Ara l-verbal ta' din is-seduta a fol. 352 tal-process.
[2] A fol. 63 *et seq* tal-process.

permezz tal-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat ammetta li forna d-droga indikata fic-citazzjoni odjerna u li kellu l-pussess aggravat tal-istess kemm fil-31 ta' Awwissu 2016, kif ukoll fil-jiem u fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, meta mistoqsi kemm kien ilu jbiegh pilloli *ecstasy*, huwa jghid "*Ma tantx ili f'din il-hajja ta! … xi haga inqas minn sena*".[3]

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tqis ukoll l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat. Jibda biex jinghad f'dan ir-rigward illi fil-waqt illi l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'mod inkondizzjonat, biss l-unika kontestazzjoni tad-difiza f'dan il-kaz hija dwar l-ammont ta' droga li attwalment kienet fil-pussess tal-imputat odjern. Skont id-difiza, m'hemmx certezza li d-droga esebita fl-atti u analizzata mill-espert forensiku x-Xjenzat Godwin Sammut hija kollha droga li nstabet fil-pussess tal-imputat odjern. Kif jirrizulta mill-atti, din il-kontestazzjoni u sottomissjoni tad-difiza hija bazata fuq ix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut f'dawn il-proceduri, li gibed l-attenzjoni ghall-fatt illi meta huwa analizza d-droga mghoddija lilu mis-*Scene of the Crime Officer* PS 813 Clinton Vella, huwa nnota xi diskrepanzi bejn dak li kien hemm imnizzel fis-*submission form* moghtija lilu u ffirmata minnu meta huwa gie moghti d-droga ghall-analizi tieghu u dak li effettivament sab fl-esebiti meta gie biex janalizza l-istess. Madankollu, wara li l-Qorti fliet bir-reqqa kemm ir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista, b'mod partikolari r-ritratti tal-oggetti elevati, esebiti mal-istess relazzjoni u r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut – inkluz ix-xhieda taghhom in kontro-ezami – ma ssibx illi d-diskrepanzi li jsemmi x-Xjenzat Sammut fix-xhieda tieghu huma tali li jistghu jitfghu dubju ragjonevoli dwar kemm id-droga hekk analizzata minnu kienet kollha fil-pussess tal-imputat odjern.

Jibda biex jinghad illi huwa minnu, kif jghid ix-Xjenzat Sammut, illi idealment ghandu jigi indikat il-lewn tas-sustanza elevata u esebita, kif wara kollox isir fil-generalita` tal-kazijiet u t-tip ta' tali sustanzi u cioe` jekk din per ezempju tkunx tikkonsisti fi trab jew xort'ohra. Biss f'dan il-kaz huma diversi l-fatturi li ma jhallux dubju f'mohh il-Qorti illi s-sustanza analizzata hija s-sustanza li nstabet fil-pussess tal-imputat u li giet elevata mis-*Scene of the Crime Officers* fil-jum in kwistjoni. Wiehed irid iqis fl-ewwel lok, illi kuntrarjament ghas-*Scene of the Crime Officers*, l-espert forensiku jezamina u janalizza esebit b'izjed liberta` u dan fis-sens illi ghal ragunijiet ovvji u sabiex jevitaw kontaminazzjoni tal-evidenza, is-*Scene of the Crime Officers* ikunu izjed kawti meta jigu biex jelevaw din l-evidenza. Ghalhekk certi konteggi u analizi tal-evidenza ma jsirux b'mod tant

[3] Ara l-istqarrija tal-imputat, a fol. 8 u 9 tal-process.

dettaljat f'dan l-istadju tal-gbir taghha, hlief ghal skopijiet ta' deskrizzjoni, kuntrarjament ghall-mod izjed dettaljat li dan isir mill-espert forensiku li jrid u ghandu janalizza kull esebit li jigi mghoddi lilu u li ghal dan il-ghan jiftah u jifli dik l-evidenza kollha.

Jinghad ukoll illi fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, ix-Xjenzat Godwin Sammut jghid illi meta jigu mghoddija lilu esebiti ta' izjed minn kaz wiehed fl-istess hin, huwa jannetti s-*submission form* mal-basket tal-esebiti li ghalihom tirreferi dik is-*submission form* u jsostni wkoll illi dak kollu li analizza u li indika fir-relazzjoni tieghu huwa dak kollu li huwa sab fl-esebiti konnessi mal-kaz odjern. Fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, PS 813 Clinton Vella wkoll isostni illi dak li huwa kien ghadda lill-espert forensiku kien il-kontenut kollu elevat fil-kaz odjern. Jispjega wkoll kif ghalkemm fuq il-post inizlu deskrizzjoni ta' dak li jkun qed jigi elevat u jqeghdu kollox fl-*evidence bags*, dawn ma jergghux jinfethu u la darba jaslu fil-laboratorju, il-kontenut jigi miktub b'mod izjed pulit billi jaraw l-*evidence bags* minn barra u jitqabbel dak imnizzel ma' dak li jkun jidher fir-ritratti tal-esebiti. Ghalhekk huwa evidenti minn dan kollu illi meta si tratta ta' hafna oggetti zghar, inkluz diversi boroz go boroz, huwa facli li bi zvista ma jitnizzilx kollox b'mod daqstant preciz u li jkun hemm xi diskrepanzi zghar kif irrizultaw f'dan il-kaz. Biss kif diga` inghad u fid-dawl ta' dak li ser jinghad izjed 'il quddiem, il-Qorti ma tarax li dawn id-diskrepanzi zghar iqajjmu xi dubju dwar dak li nstab fil-pussess tal-imputat.

Il-Qorti tinnota illi kemm il-lista tal-oggetti elevati kif indikati fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* u r-ritratti annessi mal-istess relazzjoni, kif ukoll ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirreferu per ezempju ghall-kontenitur tond tal-plastik ta' lewn abjad li kien fih 34 sustanza ta' lewn kannella, kull wahda imgezwra fil-*foil* (li ghalih issir referenza bhala Dok. 16 BVI 203 fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*, jidher fir-ritratti a fol. 107 tal-process u gie moghti l-Kodici tal-Laboratorju 161_16_02 fir-relazzjoni tal-espert Sammut). Ilkoll ukoll jirreferu ghal erba' pakketti sigaretti – 2 *Rothmans Blue* u 2 *Rothmans Red* (Dok. 16 BVI 204A fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers*, jidhru fir-ritratti a fol. 109 u gew moghtija l-Kodici tal-Laboratorju 161_16_03 fir-relazzjoni tal-espert Sammut) u fil-waqt li r-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* tirreferi sempliciment ghal erba' pakketti tas-sigaretti kontenenti sustanza suspettata droga u bicca *foil*, ix-Xjenzat jaghmel referenza ghall-kontenut ta' dan id-dokument f'izjed dettal u jghid x'sab ezattament f'kull pakkett tas-sigaretti. Tinnota wkoll illi ghalkemm ix-Xjenzat isemmi l-kapsoli li sab f'pakkett minnhom (wahda bi trab ta' lewn abjad u ohra miftuha bi trab ta' lewn abjad), dawn ma jissemmewx mis-*Scene of the Crime*, ghaliex kif inghad dawn jirreferu biss b'mod generali ghal

sustanza suspettata droga bhala l-kontenut ta' dawn il-pakketti. Tinnota wkoll illi kapsola minnhom tidher fir-ritratt a fol. 109 tal-process. A skans ta' ebda dubju, imbaghad, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti li kellu kapsola u nofs u jghid illi kien fihom il-gibs. Effettivament, skont ir-relazzjoni tal-istess espert forensiku, it-trab f'dawn il-kapsoli rrizulta negattiv ghal sustanzi illeciti (a fol. 128 tal-process). Tinnota wkoll b'referenza ghal dak li l-espert forensiku jirreferi ghalihom bhala disa' qratas tal-plastik vojta li kull wiehed fiha bicca kartuna b'numri differenti (parti mid-dokument li nghata l-Kodici tal-Laboratorju 161_06_03) illi fir-ritratt a fol. 109 tal-process (Dok. 16 BVI 127) jidhru qratas tal-plastik li fihom dawn il-bicciet tal-kartun, ghalkemm mir-ritratti ma jistax jinghad jekk dawn humiex vojta jew fihomx sustanza. Tinnota in oltre illi r-relazzjoni tal-espert Sammut (ara d-dokument indikat bil-Kodici tal-Laboratorju 161_06_04) u r-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* (Dok. 16 BVI 205) jindikaw kaxxa tal-*Panadols* li, fil-waqt li dawn tal-ahhar jirreferu ghaliha bhala kontenenti zewg boroz trasparenti li fihom sustanza suspettata droga, l-espert Sammut jirreferi ghaliha bhala li fiha zewg sustanzi ta' lewn kannella go *cling film* – dawn jidhru fir-ritratt a fol. 112 tal-process. Tinnota wkoll illi l-bqija tal-esebiti fl-istess dokument kif deskritti mix-Xjenzat u mis-*Scene of the Crime Officers* anke jekk b'mod differenti, jidhru fl-istess ritratt, hlief ghal dak li l-espert Sammut jirreferi ghalihom bhala tliet kapsuli zghar ta' lewn ahdar li fihom trab ta' lewn ahdar li mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* jidher li huma rreferew ghalihom bhala tliet pilloli suspettati droga. Dan qed jinghad ghaliex il-bqija tal-pilloli (hlief ghal pillola wahda li jirreferu ghaliha kemm is-*Scene of the Crime Officers* fir-relazzjoni taghhom, kif ukoll ix-Xjenzat Sammut, misjuba mit-tnejn proprju mal-esebiti fejn kien hemm ukoll kontenitur tal-plastik abjad b'kaxxa ta' lewn hamra bil-kliem *tic tac* vojta) jidhru kollha fir-ritratt a fol. 112 tal-process u cioe` b'kollox 28 pillola. Jidher ghalhekk meta wiehed iqabbel iz-zewg relazzjonijiet li kien hemm b'kollox 29 pillola u dawk deskritti bhala tliet pilloli suspettati droga (skont is-*Scene of the Crime Officers*) jew tliet kapsuli zghar ta' lewn ahdar/hamra li kien fihom trab ta' lewn ahdar (skont ix-Xjenzat Sammut). Tidher ukoll fl-imsemmi ritratt dak li fl-istess dokument, is-*Scene of the Crime Officers,* jirreferu ghaliha bhala borza tal-plastik trasparenti kontenenti zewg boroz tal-plastik trasparenti b'sustanza suspettata droga u dik li x-Xjenzat Sammut taht l-istess Kodici tal-Laboratorju 161_06_04 jirreferi ghaliha bhala borza tal-plastik li fiha 2 qratas tal-plastik li fiha trab ta' lewn abjad. Fl-istess ritratt jidhru wkoll zewg boroz ohra tal-plastik b'xi *foil* minn gewwa u jidher mir-relazzjoni li, fil-waqt illi s-*Scene of the Crime Officers* jirreferu ghal dawn bhala borza tal-plastik trasparenti kontenenti 2 boroz tal-plastik trasparenti kontenenti sustanza suspettata droga, ix-Xjenzat Sammut huwa izjed dettaljat ghal ragunijiet ovvji u jghid illi kien hemm borza tal-plastik li fiha 2 pakketti ta' *aluminium foil* li wahda minnhom fiha 10 qratas tal-plastik li kien

fihom trab ta' lewn abjad u l-iehor kien fih 5c u 8 qratas tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn abjad.

Mill-bqija imbaghad bhala Dok. 16 BVI 206, is-*Scene of the Crime Officers* jirreferu ghal borza tal-plastik trasparenti kontenenti seba' boroz tal-plastik b'sustanza suspettata droga. Din tidher fir-ritratti a fol. 113 u 114 tal-process u tirreferi, skont l-istess relazzjoni u l-provi prodotti, ghas-sustanza misjuba fuq il-persuna tal-imputat dakinhar tal-arrest tieghu. Issa ghalkemm fir-relazzjoni tieghu, ix-Xjenzat Godwin Sammut jirreferi ghal disa' (mhux seba') bicciet tal-plastik taht id-dokument li nghata minnu l-Kodici tal-Laboratorju 161_06_05, mir-ritratt a fol. 114 wiehed jista' jara illi f'borza minnhom li tidher il'fuq fuq in-naha tal-lemin tar-ritratt, jidhru tlett bicciet tal-plastik go borza wahda. Jidher ukoll mill-istess ritratt li ghalkemm is-*Scene of the Crime Officers* irreferew ghal dan id-dokument bhala borza tal-plastik li kien fiha seba' boroz, kull borza kien fiha diversi qratas, kif deskritt mix-Xjenzat fir-relazzjoni tieghu, li jidhru wkoll il-kartun bin-numru '10' (fir-ritratt a fol. 114) u bin-numru '1/2' (fir-ritratt a fol. 113) u fost diversi qratas bi trab ta' lewn abjad li jsemmi x-Xjenzat fir-relazzjoni tieghu u anke qratas bi trab ta' lewn kannella, tidher il-bicca plastic li fiha sustanza kannella, fiz-zewg ritratti.

In oltre irid jinghad ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, jirrizulta illi fil-waqt illi numru ta' impronta – hmistax b'kollox – zviluppati minn fuq id-dokumenti elevati mill-fond li fih saret it-tfittxija u deskritti fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 650 Justin Tabone li zviluppa l-istess impronta gew ikkomparati posittivament mal-impronta digitali tal-imputat, numru ta' impronta ohrajn – ghoxrin b'kollox - taw rizultat negattiv u dan kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia. Biss dawn id-dokumenti li fuqhom gew zviluppati l-impronta li sussegwentement gew ikkomparati ma' dawk tal-imputat odjern m'humiex l-istess dokumenti li nghataw lill-espert Sammut ghall-analizi tieghu, izda huma boroz u oggetti ohrajn li jinsabu deskritti a fol. 94 tal-process u li gew mghoddija minn PC 813 Clinton Vella lil PC 650 Justin Tabone.

Fid-dawl ta' dak kollu suespost, ghalhekk, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi s-sustanza esebita u analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut kienet l-istess sustanza li giet misjuba fil-pussess tal-imputat odjern.

Mir-relazzjoni tal-istess Xjenzat Sammut, jirrizulta illi huwa kkonkluda bil-mod segwenti wara li ezamina s-sustanzi mghoddija lilu:

a) Fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokumenti 161_16_03, 161_16_04 u 161_06_05[4], instabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>. Il-piz tas-sustanzi kien ta' 105.67 grammi u l-purita` ta' THC fis-sustanza kienet ta' cirka <u>7.5%</u>.

   Hawnhekk il-Qorti tinnota illi meta wiehed iqabbel ir-rizultanzi a fol. 128 tar-relazzjoni b'referenza ghad-dokument bil-kodici 161_06_04 mal-lista ta' esebiti li kien jinkludi fih dan id-dokument (a fol. 124 u 125 tal-process), jirrizulta illi f'dan l-istess dokument kien hemm biss zewg sustanzi ta' lewn kannella (ossia raza tal-*cannabis*) indikati a fol. 128 bhala sustanza kannella 01 u sustanza kannella 02 u ghalhekk il-Qorti tqis illi kien bi zvista li regghet giet indikata sustanza kannella 01 fl-istess lista b'piz ta' 2.98 grammi. Ghaldaqstant, il-piz tar-raza tal-*cannabis* ma kienx ta' 105.67 grammi, izda ta' <u>102.69 grammi</u>.

b) Fuq estratti mehuda minn fuq il-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 161_16_04 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz tas-sustanza kien ta' 5.75 grammi u l-purita` ta' THC fil-haxix kien ta' cirka 6%.

   F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva illi l-imputat ma giex addebitat bir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* ai termini tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 u ghalhekk il-Qorti mhijiex qed tikkunsidra dan l-ammont ghal fini ta' piena.

c) Fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 161_16_03 u 161_16_05, instabet is-sustanza <u>eroina</u>. Il-piz total tat-trab kien ta' <u>5.41 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka <u>15%</u>.

d) Fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 161_16_01, instabet is-sustanza <u>*3,4-methlenedioxymethamphetamine (MDMA)*</u>. Il-piz total tat-trab kien ta' 4.19 grammi.

   Il-Qorti tinnota illi mill-istess relazzjoni jirrizulta li hawnhekk l-espert kien qed jirreferi mhux ghad-dokument 161_06_01, izda ghad-dokument 161_06_04 li kien jikkontjeni trab ahdar, pozittiv ghas-sustanza *MDMA*, f'piz ta' 3.56 grammi u tliet kapsuli, ilkoll bi trab ahdar pozittiv ghas-sustanza *MDMA*, f'piz ta' 0.18 grammi, 0.23 grammi u 0.20 grammi rispettivament – b'kollox ghalhekk it-trab ahdar kellu piz ta' <u>4.17 grammi</u>.

[4] Jidher li bi zvista hawnhekk, l-espert ma inkludiex ukoll id-dokument 161_16_02, meta mill-istess relazzjoni (ara a fol. 126, 127 u 128) huwa evidenti illi dan id-dokument kellu jigi nkluz ukoll f'din il-parti tal-konkluzjoni tar-relazzjoni tieghu.

e) Fuq estratti mehuda mill-pilloli ta' lewn blu u mill-pillola ta' lewn ahdar fid-dokument 161_16_0 (hawnhekk minn harsa lejn a fol. 128 u 129 tal-process, jirrizulta illi l-espert ried jirreferi ghad-dokument 161_06_04) instabet is-sustanza *3,4-methlenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru ta' pilloli kien ta' 28 pilloli blu u 1 pillola hadra – b'kollox ghalhekk 29 pillola.

f) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn abjad fid-dokument 160_16_05 instabet is-sustanza kokaina (forma ta' *crack cocaine*). Il-piz total tas-sustanza kien ta' 12.17 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 20%. Din is-sustanza kienet maqsuma f'49 qartas.

Tqis ghalhekk illi l-ammont ta' droga fil-pussess tal-imputat certament li ma kienx xi wiehed insinjifikanti jew negligibbli.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-kontenut tar-rapporti imhejjija mill-Ufficjal tal-*Probation* Marilyn Formosa. Minn dawn ir-rapporti jirrizulta illi s-sitwazzjoni tal-imputat, li matul il-proceduri odjerni baqa' gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minkejja li nghata l-helsien mill-arrest, baqghet wahda stabbli. Apparti li matul il-perjodu li ghamel gewwa l-Facilita` huwa ghamel diversi xogholijiet, fiz-zmien tal-ahhar rapport kien qed jghaddi l-maggor parti tal-jum tieghu fil-kcina, ghal liema xoghol ftit li xejn kellu paga, jahdem minghajr tgergir, ittermina b'success kors dwar *Food Handling License B* u jidher li qed jippjana ghall-futur tieghu fis-sens illi determinat li jgib licenza ta' vann sabiex ikun jista' jaghmel ix-xoghol li fil-prezent jaghmel zijuh. It-testijiet tal-kampjuni tal-urina li ttiehdu lill-imputat gewwa l-Facilita` irrizultaw kollha fin-negattiv ghal sustanzi illeciti. Skont l-Ufficjal tal-*Probation*, jidher illi l-imputat immatura hafna fix-xhur li qatta' fil-habs u qed jaghraf il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu.

Qeghda tapplika wkoll ghal fini ta' piena, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet, it-tieni u s-sitt imputazzjonijiet, it-tielet u s-seba' imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet.

Qieset ukoll illi mill-provi prodotti jirrizulta car illi s-somma ta' tmien mija u ghoxrin Euro (€820) kienet provenjenti mill-bejgh tad-droga, kif jammetti l-imputat fl-istqarrija tieghu u ghaldaqstant, ser tigi ordnata l-konfiska tal-istess. Fir-rigward tal-vettura tal-ghamla Peugeot 106, bin-numru ta' registrazzjoni KBM 794, registrata f'isem l-imputat, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol. 323 u a

fol. 342 tal-process u esebita formalment fl-atti ta' din il-kawza, jirrizulta mill-provi prodotti illi fil-jum tal-arrest tieghu, l-imputat forna d-droga qabel gie arrestat mill-pulizija. Dan qed jinghad ghaliex fl-ewwel lok, gie osservat minn PC 1183 Oliver Vella jieqaf tal-inqas hames darbiet f'postijiet differenti u fi kliem l-istess xhud, jitfa' l-vettura fil-genb, it-terz javvicinah fejn il-hgiega tal-vettura u jghaddilu dokumenti li kienu jidhru karti tal-flus u l-imputat, da parti tieghu, jghaddi xi haga zghira. Ix-xhud jghid illi ma setax jghid illi din kienet droga ghaliex ma setax jara ezattament x'kien qed jghaddi lura l-imputat. Biss mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi meta wara din l-osservazzjoni, l-imputat gie mwaqqaf fil-vettura tieghu, fuq il-persuna tieghu ossia f'but fil-qalziet ta' taht[5], instabulu dawk li rrizultaw li kienu diversi qratas bid-droga, fil-maggor parti taghhom bi droga kokaina u fil-vettura nstabu diversi pakketti tas-sigaretti bil-flus fihom, fosthom pakkett fuq il-persuna tieghu bil-flus imkebbin go fih, apparti wkoll li meta mistoqsi ghalfejn ghamel kuntatt ma' diversi persuni qabel gie mwaqqaf, qabel jghid il-kliem 'ma nwegibx' (li minnha m'hijiex qeghda ssir l-ebda inferenza), jghid ukoll illi ma kellux idea. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u anke tal-ammissjoni tal-imputat li tirreferi wkoll ghall-jum in kwistjoni, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi dakinhar l-imputat kien qieghed ibiegh id-droga. Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9, qeghda tordna l-konfiska tal-imsemmija vettura li, fil-fehma taghha, serviet bhala strument sabiex l-imputat iwettaq dan id-delitt.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u l-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 17(b), 17(f), 17(h) u 49 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah, fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjonijiet, ghall-piena ta' **sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija effettiva** u piena ta' **multa ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos

[5] Ara x-xhieda ta' PC 1183 Oliver Vella (a fol. 42 sa 45 tal-process) u x-xhieda ta' PS 1163 Frans Schembri (a fol. 47 sa 51 tal-process).

milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, wara li rat kif inghad l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 17(b) u (h), 31, 41(1)(a), 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(b), 263, 264(1), 267, 270, 276, 277(b), 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta mal-imputat dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja tat-2 ta' Ottubru 2015, li permezz taghha tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza, daqs li kieku ghadu kif gie misjub hati minn jew quddiem din il-Qorti u fil-waqt li ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, qed tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva**.

B'kollox ghalhekk il-hati qed jigi kkundannat ghall-piena ta' erbgha u tletin (34) xahar prigunerija effettiva li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti ossia l-ispejjez konnessi mal-inkarigu espletat mix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija u tletin Euro u erbghin centezmu (€330.40), l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tas-*Scene of the Crime Officers* PC 813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, disgha u sittin Euro, sebgha u tletin centezmu (€269.37), l-ispejjez konnessi mal-inkarigu espletat minn PC 650 Justin Tabone, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, sitta u tletin Euro u erbghin centezmu (€436.40), l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tal-espert Joseph Mallia, ammontanti ghas-somma ta' elfejn Euro, tmienja u hamsin centezmu (€2000.58) u l-ispejjez konnessi mal-inkarigu espletat minn Dr. John Seychell Navarro, ammontanti ghas-somma ta' elfejn, mija, tmienja u sittin Euro, sebgha u ghoxrin centezmu (€2168.27), ammontanti b'kollox dawn l-ispejjez ghas-somma ta' hamest elef, mitejn u hames Euro u zewg centezmi (€5,205.02). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tas-somma ta' tmien mija u ghoxrin Euro (€820) esebita bhala Dokument GM2 u tal-vettura tal-ghamla Peugeot 106, bil-marka ta' registrazzjoni KBM 794 esebita formalment bhala Dokument GM1, favur il-Gvern

ta' Malta. Tordna wkoll ir-rilaxx tal-erba' *mobile phones*, indikati a fol. 345 tal-process, favur il-hati.[6]

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza, d-droga u l-oggetti kollha relatati mal-uzu u t-traffikar tad-droga, ritornati mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u minn PC 650 Justin Tabone mar-relazzjoni taghhom, kif ukoll tal-oggetti esebiti bhala Dokument GM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi mir-relazzjoni ta' Dr. John Seychell Navarro ma jirrizultax illi l-hati ghandu flejjes, proprjeta` mobbli jew immobbli fuq ismu, ghajr is-somma ta' tmien mija u ghoxrin Euro (€820) u l-vettura li taghhom il-Qorti ordnat il-konfiska izjed 'il fuq, m'hijiex qeghda tordna l-ebda konfiska ulterjuri in segwitu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

---

[6] Dawn il-*mobile phones* baqghu ma gewx analizzati mill-espert mahtur ghal dan il-ghan.